MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 308/2008

**A B f'isimha proprju u f'isem il-minuri C B b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2009**

**-vs-**

**D B**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**
**E F G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, fejn din wara li ppremettiet:

Illi fis-6 ta' Frar, 2008, twieled C B kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok. A);

Illi omm il-minuri u cioe’ r-rikorrenti ghandha relazzjoni mal-konvenut E F G filwaqt li l-istess rikorrenti ghaddejja minn proceduri ta’ separazzjoni minn ma’ zewgha D B;

Illi l-minuri C hu iben E F G u mhux iben D B u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jirrizulta mit-testijiet tad-DNA, l-intimat E F G huwa missier il-minuri C;

Ghaldaqstant, talbet ir-rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-intimat D B m’huwiex il-missier naturali tal-minuri C B filwaqt li tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri C huwa l-intimat E F G;

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri C B billi f’dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta’ missier it-tarbija, fejn hemm imnizzel isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem “D B” jigi sostitwit bl-isem “E F G” bl-eta’ ta’ 31 sena u bil-karta tal-identita’ numru *omissis (k.i. nru)*, fejn hemm imnizzel kunjom it-tarbija l-kelma “B” tigi sostitwita bil-kelma “G”, fejn hemm miktub isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet (missier il-missier tat-tarbija) flok “H B” jitnizzel “F G” (haj);

Bl-ispejjez u bl-intimati kollha ingunti in subizzjoni.

Rat id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz ghal dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li r-rikorrenti tispecifika d-dettal ta’ fejn

twieled l-allegat missier naturali sabiex jekk jintlaqghu t-talbiet dedotti fir-rikors, dan id-dettal ikun jista' jigi inserit flimkien mad-dettalji l-ohra fl-Att tat-Twelid relattiv. Inoltre, jekk it-talbiet jigu milqugha l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett u l-kliem '*the said*' ghandhom jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm tat-tarbija.

Illi n-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid li huwa 588 tas-sena 2008 ghandu jigi indikat fit-talbiet.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-26 ta' Mejju 2009, li permezz tieghu l-intimati D B u E G taw ruhhom b'notifikati bir-rikors promotur, pero' madanakollu, D B ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat ir-risposta guramentata ta' E F G fejn dan iddikjara:

Illi huwa l-missier naturali ta' C B u jaqbel illi l-att tat-twelid tal-minuri C B ghandu jidbiddel kif gie mitlub fir-rikors promotur.

Rat l-affidavit tal-esperti xjentifici Marisa Cassar u Christopher Farrugia.

Jirrizulta mill-provi illi l-attrici ilha separata de facto minn ma' zewgha minn Gunju 2005. Fl-istess perjodu bdiet relazzjoni intima mal-intimat E F G li minnu kellha wild fis-sena 2007 li, ghar-rigward tieghu diga' saru proceduri rigward paternita'. Il-minuri f'din il-kawza twieled fis-6 ta' Frar 2008, minn din l-istess relazzjoni.

Jirrizulta provat, partikolarment mill-ezamijiet xjentifici li r-rizultati taghhom gew prezentati in atti, illi C B huwa realment wild naturali ta' E F G.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tiddikjara li l-minuri C B li twieled fis-6 ta' Frar 2008 (Att tat-Twelid Nru. 588/08) huwa wild naturali ta' E F G.

2. Tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 588/08, fejn hemm imnizzla d-dettalji tal-missier, isem u kunjom il-missier ghandu jkun E F G, imwieled Pieta' Malta, minflok D B, bil-karta ta' identita' Nru. *omissis (k.i. nru)*, tal-eta' ta' 31 sena. Kunjom it-tarbija ghandu jigi mnizzel bhala G minflok B. Isem in-nannu patern ghandu jitnizzel bhala F G (haj) minflok H B. Fid-dettalji tal-omm ghandhom jithassru l-kliem “the said”.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------